# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Seduta tas-26 ta' novembru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 38/2015**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Carmel Salerno u Fabrizio Salerno**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Carmel Salerno ta' disgħa u erbgħin sena (49), bin Carmelo u Elvira nee Grech, imwieled il-Pieta fl-10 ta' Frar 1966 u residenti f'157, Triq id-Duluri, Pieta, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 81566M; u Fabrizio Salerno ta' tlieta u għoxrin sena (23), bin Carmel u Doreen nee Mallia, imwieled

Pieta' nhar il-15 ta' Jannar, 1991, u residenti 74, Gesu Redentur, Guże Bajada, Ħamrun, Malta, detentur tal-karta tal-identita' nru. 56491M:

Akkużati talli nhar id-9 ta' Jannar 2015, għall-ħabta tal-11:00 ta' filgħodu, kif ukoll fis-siegħat ta' wara, u ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmula, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

1. Attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li aġixxa għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mgħoti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inġurjaw jew heddu bi kliem, persuna/i nkarigata/i skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien/u qed jagħmel/jagħmlu jew minħabba li kien/u jagħmel/jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz.
3. U aktar talli taħt l-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, fil-pubbliku qalu kliem oxxen u indiċenti.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kisru l-ordni u l-paċi pubblika b'għajjat, storbju jew ġlied.

5. U aktar talli taħt l-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, qajjmu rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmlu omiċidju jew offiża fuq il-persuna/i u ċioe' lil PC850 Stephen Ryan Micallef, Robert Busuttil u Joseph Giuliano.

Kif ukoll akkużati talli:

6. Nhar id-9 ta' Jannar, għall-ħabta tal-11.00 ta' filgħodu, kif ukoll fis-siegħat ta' wara, u ta' qabel, f'dawn il-Ġzejjer, ħebbew għal Joseph Giuliano minn Qormi, bħala uffiċjal tal-Enemalta p.l.c. u ikkaġunawlu offiża ta' natura gravi per durata skont kif iċċertifikat minn Dr. Mark Bugeja MD reġistrazzjoni 1768 tal-plikliniak tal-Mosta.
7. Talli nhar id-9 ta' Jannar 2015, għall-ħabta tal-11:00 ta' filgħodu, kif ukoll fis-siegħat ta' wara, u ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, ħebbew għal Robert Busuttil minn Birżebbuġia bħala Uffiċjal tal-Enemalta P.l.c. u ikkaġunawlu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr. Chris Mercieca MD reġistrazzjoni 2251 tal-poliklinika tal-Furjana.

Kif ukoll Charles Salerno Waħdu akkużat talli–

8. Nhar id-9 ta' Jannar, għall-ħabta tal-11.00 ta' filgħodu, kif ukoll fis-siegħat ta' wara, u ta' qabel, f'dawn il-Ġzejjer, ħebb għal PC850

Steven Ryan Micallef, u ikkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Mark Bugeja MD reġistrazzjoni 1768 tal-poliklinika tal-Mosta.

9. Talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati ta' Malta, fejn tali sentenżi ġew definittivi u li ma jistgħux jinbiddlu.

Rat illi matul is-seduta tal-10 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;[1]

Rat li fl-istess seduta u matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li skont nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 27 ta' Awwissu 2015 l-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, deherlu li mill-Atti tal-Kompilazzjoni tista tinstab ħtija tal-imsemmija imputati taħt l-artikoli 95, 96, 338(bb), 338(dd), 238(b), 214, 215, 221 u 222(1)(c), 17, 18, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u

[1] Folio 4 u 6 tal-atti proċesswali.

ulterjorment fil-konfront ta' Carmel Salerno waħdu tista tinstab ħtija wkoll taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;[2]

Rat li matul is-seduta tat-30 ta' Marzu 2016 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputati huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi;

Rat li matul l-istess seduta, il-Qorti ordnat li tiġi moqrija n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputat;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputati, assistiti mill-Avukat Dr. Robert Gauci Maestre staqsiethom jekk kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti. Wara li tat lill-imputati żmien biżżejjed biex iwieġbu għal din il-mistoqsija, huma wieġbu li ma' kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Il-Qorti għalhekk wara li ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u għaddiet biex tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[3]

Rat illi matul l-istess seduta Dr. Sciriha in rappreżentanza tal-parte ċivile (l-uffiċjali tal-Enemalta) iddikjara li m'hemm l-ebda interess minn naħa tagħhom u li kienu qegħdin jirrinunzjaw għal għall-azzjoni penali safejn

[2] Folio 213 tal-atti proċesswali.
[3] Folio 222 u 223 tal-atti proċesswali.

din kienet rinunzjabbli u ma kienu qegħdin jinsistu għal ebda forma ta' piena.

Rat id-dokumenti kollha preżentati, ħadet konjizzjoni tax-xiehda tax-xhieda prodotti, semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawża.

***Ikkunsidrat : -***

Illi skond il-Prosekuzzjoni nhar id-9 ta' Jannar 2015 għall-ħabta tal-10:30am, l-Uffiċjali tal-Enemalta Robert Busuttil u Joseph Guliano akkumpanjati minn PC850 Stephen Ryan Micallef kienu marru jispezzjonaw il-ħanut CxD Confectionary f'Tal-Pieta. Huma talbu li jaraw il-*meter* tad-dawl ta' dan il-ħanut li kien reġistrat fuq isem Carmel Salerno. Dan il-*meter* kien imsakkar ġewwa kabinet. Preżenti fil-ħanut kien hemm il-ko-imputat Fabrizio Salerno kif ukoll Dylan Salerno. Dawn huma t-tnejn ulied Carmelo Salerno u kienu qedgħin jieħdu ħsieb il-ħanut f'dak il waqt. Huma għaddew diversi ċwievet lill-uffiċjali tal-Enemalta iżda l-ebda waħda ma qablet tant illi ċemplu lil Carmel Salerno biex jinżel fuq il-post biex jiftaħ hu.

Sadattant il-Pulizija u l-Uffiċjali stennew barra l-ħanut biex ma jkunux ta' inkombru għan-nies li kienu qedgħin jixtru minn hekk. Kif wasal Carmel Salerno hu talab lill-Uffiċjali sabiex imorru jitkellmu ġewwa

kamra tlett bibien l-isfel mill-ħanut. Huma u mexjin wara Carmelo Salerno, Robert Busuttil iddeċieda li jmur lura fil-ħanut. Kif wasal innota li Fabrizio Salerno kien qiegħed jitfi xi *switches*. Meta avviċinaħ induna li dawn kienu *mcb's* li għandhom il-funzjoni li jikkontrollaw direttament l-ammont ta' elettriku li jiġi indikat bħala kkunsmat fuq il-*meter* tad-dawl. Dawn kienu qishom *sliders* ġewwa *cupboard* wara l-*cash register* filwaqt li l-*meter* kien fuq in-naħa tal-lemin kif tidħol fil-ħanut.

Il-Prosekuzzjoni qieset li dan kien jammonta għal indikazzjoni ċara ta' tbagħbis fil-konsum tad-dawl. Skond ix-xhieda ta' Robert Busuttil, kif skopra dawn l-irregolaritajiet u qabad biex joħroġ il-barra mill-ħanut sabiex jinforma lil kollega tiegħu, Fabrizio Salerno taħ tlett daqqiet fil-vojt ta' daru li l-istess xhud iddeskriva bħala daqqiet mhux b'saħħtihom bħal speċi biex jiċċaqlaq minn hemmhekk jew biex jitkeċċa minn fejn kien. Kif ħass dawn id-daqqiet Busuttil qal 'ħa ndaħħqu, ħa ndaħħqu?' bit-tir li jattira l-attenzjoni tal-kollega tiegħu Guliano minħabba s-sitwazzjoni li kienet avverat ruħha. Infatti skond Guliano li wieġeb għas-sejħa tal-kollega tiegħu u daħal lura fil-ħanut u kif tkellem ma Busuttil dwar dak li kien innota, hu mar jiċċekja l-*meter* li filfatt deher li kien qed jiffunzjona tajjeb a differenza għal-mod kif kien qed jirreġistra l-konsum meta kienu analiżżawħ aktar kmieni. F'dak il-mument Fabrizio Salerno nħareġ barra mill-ħanut fejn skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hu indirizza lil Robert Busuttil u qallu li 'm'għamiltx sew quddiem in-nies' fejn Busuttil wieġbu li xogħolu qed jagħmel u

hemmhekk Busuttil safa' akkużat minn Carmel Salerno li kienu ukoll preżenti f'dak il-waqt b'diversi akkużi u li kien ser jiġi mfittex personalment.

Carmel Salerno beda jidgħi u f'dak il-punt intervjena PC850 sabiex Salerno jrażżan ilsienu. Skond xhieda li kienu preżenti Salerno indirizza lill-PC850 b'mod dispreġattiv. F'dal-mument inqala' argument bejn Fabrizio Salerno u l-Pulizija fejn allegatament Fabrizio Salerno imbotta lil PC850, li rritalja bl-istess mod, apparti li wissieħ minħabba l-komportament tiegħu. Jidher ukoll li kemm Robert Busuttil kif ukoll Carmel Salerno intervjenew f'dak il-waqt sabiex iferqu dan l-argument li kien dam biss kwistjoni ta' sekondi.

Wara dan l-argument Carmel Salerno beda jallega li Busuttil kien sawwat lill-ibnu, allegazzjoni miċħuda kategorikament minn Busuttil li fehmu li hu sempliċiment kien qed iżomm lill-ibnu sabiex it-tilwima li kellu mal-Pulizija ma tkomplix teskala. Skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kien f'dan il-waqt li Salerno qalilhom li kien ser iġib il-filmati mill-kameras tal-Kunvent tal-Ursolini, sitwat faċċata tal-pjazza fejn seħħ dan id-disgwid. Din id-dikjarazzjoni jidher li ma nkwetat xejn lix-xhieda tal-prosekuzzjoni illi skond kif xehdu ma kienu għamlu xejn ħażin. Jirriżulta li kien hemm tentattiv sabiex dawn il-filmati jiġu rrtirati minn dan il-Kunvent, iżda kif irriżulta mix-xhieda ta' PS836 Joseph Vella

dawn ma kienux qedgħin jirreġistraw sew u għaldaqstant ma nstab l-ebda filmat relevanti li seta' jiġi elevat għall-finijiet ta' din il-proċedura.[4]

Ftit tal-ħin wara niżel Joe Vella, *Foreman* tal-Enemalta, fuq il-post u li kien issejjaħ biex imur hemmhekk minn Robert Busuttil u Joseph Guliano minħabba l-allegati illegalitajiet dwar il-konsum tal-elettriku li kienu nstabu. Sadattant laħqu niżlu wkoll il-Pulizija tad-Distrett tal-Ħamrun li ħadu r-rapport ta' dan l-ewwel disgwid li kien inqala' mill-partijiet kollha kkonċernati. F'dan il-punt is-sitwazzjoni kienet ikkalmat fejn Carmel Salerno, ikkonfrontat b'dak li kien instab fil-ħanut tiegħu, kien ammetta li kien kiser il-Liġi għal dak li jirrigwarda t-tbagħbis tal-*meter* u filfatt kienu qedgħin isiru l-komputazzjonijiet fil-preżenza tiegħu sabiex jiġi kwantifikat kemm eżattament kellu jħallas lil Enemalta bħala bilanċ.

Skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni hu deher li kien qed jikkopera kemm ma Joseph Guliano kif ukoll ma Joe Vella. Iżda waqt li Robert Busuttil kien qed jieħu l-*load* tal-affarijiet kollha li kien hemm fil-ħanut Dylan Salerno, li jiġi bin Carmel Salerno u ħu Fabrizio Salerno, beda jgħaddi kummenti provokanti fil-konfront ta' Busuttil fil-waqt li dan kien qed jagħmel xogħlu. Jirriżulta mill-provi tal-Prosekuzzjoni li Busuttil kien informa l-kollegi tiegħu dwar dan, u kien waqaf milli jkompli b'dawn l-ispezzjonijiet biex jevita konfrontazzjonijiet ulterjuri.

---

[4] Xhieda a folio 148 datata t-13 ta' Marzu 2015.

Sussegwentement għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofs Joe Vella, Carmel Salerno, PC850 u Robert Busuttil daħlu f'kamra fl-i*store* tal-imputati biex tiġi spezzjonata l-ġonta li kienet instabet sabiex jiġi stabbilit ma liema *phase* kien imqabbad. F'dan il-mument Carmel Salerno beda jgħaddi ħafna kummenti fil-konfront ta' Robert Busuttil, fosthom li ma kienx jafdaħ u li kien ser iġib il-flus li kellu barra u jużhom kontriħ personali. Busuttil talbu spjegazzjoni ta x'ried ifisser biha din, u Joe Vella beda jsikkithom. Għal darb'oħra Carmel Salerno allega li Busuttil kien messlu t-tfal. Busuttil reġa' assikuraħ li ma kienx minnu iżda Salerno qallu li kien ser jiskarnaħ. Joe Vella waqqaf l-investigazzjoni li kien qed jagħmel u ntervjena PS850 biex joħroġ lil Carmel Salerno l-barra mill-kamra.

F'dak il-mument li qamet it-tieni ġlieda. Skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni preżenti, kif PC850 ġibed lil Carmel Salerno biex joħroġu barra mill-kamra, Salerno beda jxejjer idejħ fil-konfront tal-Pulizija fejn skond ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni preżenti, ikkaġunalu ferita f'għajnejħ. Din ġiet ikkonfermata mill-Pulizija tal-RIU li marru jagħtu l-assistenza fuq il-post, kif ukoll mix-xhieda li kienu preżenti fuq il-post u ċjoe PC850, Joe Vella kif ukoll Joseph Guliano li kien laħaq daħal ħdejn il-kollegi tiegħu f'dak il-ħin.

Joe Vella daħal bejniethom u Dylan Salerno kien ser jipprova jidħol fit-tabxa wkoll. Robert Busuttil mar iżomm lil Dylan Salerno u niżlu mal-art. Busuttil qal li ipprova jġibu *in se* dwar dak li kien ser jagħmel u ċioe

li kien ser iħebb għall-membru tal-Korp tal-Pulizija. Iżda f'dak il-mument ingħaqdu tliet persuni oħra fuq Robert Busuttil, ċjoe l-qraba l-oħra tal-imputati Tiziana Salerno, Brandon Salerno u Doreen Salerno. Dawn bdew jagħtu lil Busuttil fuq rasu, għonqu u dahru wara li ħasbu li Busuttil kien qiegħed isawwat lil Dylan Salerno. Joseph Guliano mar jassisti lill-Robert Busuttil billi beda jneħħi lil dawn il-persuni minn fuq Busuttil. Guliano xehed li kien qed iżomm lil Dylan Salerno u ma kienx qed itiħ f'ebda mod. Dan kien ġie anki kkonfermat minn Robert Busuttil matul id-deposizzjoni tiegħu. Kemm Robert Busuttil kif ukoll Joseph Guliano sofrew feriti kif jidher miċ-ċertifikati mediċi tagħhom debitament ikkonfermati minnhom u mit-tobba matul il-proċeduri. Dawn ikkonfermaw li dawn l-offiżi ma ġewx ikkaġunati mill-imputati f'din il-kawża iżda mill-familjari tagħhom li mhumiex ko-imputati f'dawn il-proċeduri.

Apparti x-xhieda ewlenin li kienu direttament involuti f'dawn l-episodji, hemm ukoll ix-xiehda tal-membri tal-RIU li marru fuq il-post wara li kien talabhom l-assistenza l-istess PC850. Dawn ikkonfermaw li kif wasslu hemm sabu lill-PC850 bil-ferita b'għajnejħ u bil-flokk imqatta'. Is-sitwazzjoni kienet ikkalmat u ma kien hemm l-ebda ġlied quddiemhom. Wara li sar it-tieni rapport għal dak li kien jirrigwarda t-tieni disgwid, l-imputati ġew arrestati u ttieħdu l-għassa għal aktar stħarriġ.

Illi mill-banda l-oħra skond il-verżjoni tad-Difiża, kienu l-uffiċjali tal-Enemalta u l-Pulizija li ħebbew għalihom għal xejn b'xejn u b'arroganza. Carmelo Salerno kien kooperattiv magħhom u f'ebda mument ma kien qed ifixxkilhom f'xogħlhom. Hu xtaq biss li d-diskors dwar it-tbagħbis tal-*meter* ma jsirx fil-ħanut minħabba l-klijenti tiegħu li kienu qedgħin jinqdew f'dak il-ħin.

Filwaqt li Fabrizio Salerno kkonċeda li mbotta lill-Pulizija, stqarr li għamel hekk b'ritaljazzjoni għal imbotattura da parti tal-Pulizija li kien l-ewwel li beda jimbotta. Fabrizio Salerno jżid li l-Pulizija taħ ukoll daqqa ta' ponn apparti li kien qed jheddu li ser jagħmillu ħajtu miżerja biċ-ċitazzjonijiet. Fabrizio Salerno jispjega li hu m'għamel xejn biex jipprovoka dan l-aġir għajr għall-fatt li verbalment qabeż għall-missieru jew aktar speċifikament irrimarka dwar il-mod kif kien ġie ttrattat minn Robert Busuttil quddiem in-nies fil-ħanut. Skond Fabrizio Salerno l-Pulizija waqaf mill-komportament tiegħu meta Carmel Salerno intervjena bejniethom u irrimarkalu li kien hemm il-kameras tal-Ursolini li ġibdu kull ma kien ġara. Fabrizio Salerno ma kienx involut fit-tieni argument. Dan ġie wkoll ikkonfermat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Mill-banda l-oħra Carmel Salerno jispjega wkoll li jekk kien hemm mumenti meta tawwal ilsienu dan għamlu għax kien irrabjat u pprovokat mill-fatt li kienu messewlu lill-uliedu, b'mod partikolari fil-konfront ta' Robert Busuttil u PC850. Dwar il-ġrieħi subiti minn PC850

Carmel Salerno jiċħad li taħ daqqiet iżda ma jeskludix li seta' qattalu l-flokk biż-żball meta qabad miegħu biex ma jaqgħax mal-art peress li l-Pulizija kien taħ daqqa ta' ħarta f'wiċċu u sussegwentement kaxkru l-barra mill-kamra wara t-tieni argument li kellu ma' Busuttil. Inoltre skond Carmel Salerno kif ħarġu barra wara t-tieni argument, fejn kien hemm preżenti wkoll il-pulizija tal-RIU, PC850 baqa' jipprovokaħ verbalment u beda jistiednu għall-ġlied quddiem il-membri tal-RIU, fejn madankollu Carmel Salerno ma taħx sodisfazzjon.

Illi apparti x-xhieda tal-imputati kien hemm ukoll it-testimonjanza tal-familjari tagħhom kif ukoll ta' żewġ xhieda oħra, senjatament Nicholas Magri[5] u Alfred Bartolo[6] li jgħidu li nzertaw kienu fil-viċinanzi ta', jew għaddejjin, minn quddiem il-pjazza fejn kien hemm l-ewwel argument. Nicholas Magri jgħid li ra lil Carmel Salerno jżomm persuna mhux magħrufa u lil PC850 jagħti daqqa ta' ponn 'bid-dawra' lil Fabrizio Salerno. Alfred Bartolo jgħid li hu ra lil PC850 jimbotta lill-Fabrizio Salerno fid-direzzjoni ta' wiċċu. Iż-żewġ xhieda kienu madwar tletin pied il-bogħod u b'hekk ma setgħux jisimgħu diskors minn fejn kienu jew jagħtu dettalji aktar fil-fond, anki peress li l-ewwel argument kien kwistjoni ta' ftit sekondi. Ħadd minnhom ma ra' lil Fabrizio Salerno jimbotta lil Pulizija kif dikjarat minn Salerno stess fl-istqarrija u fix-xhieda tiegħu.

[5] Folio 362 datata 12.10.15.
[6] Folio 377 datata 23.01.17.

*Ikkunsidrat : -*

Illi ġew ippreżentati wkoll iċ-ċertifikati mediċi ta' :

(1) Steven Ryan Micallef (PC850) li kellu feriti f'wiċċu u f'għajnejħ ix-xellugija kif ukoll grif fuq in-naħa xellugija ta' għonqu, liema feriti ġew ikklassifikati bħala ħfief;

(2) Robert Busuttil li kellu grif fuq spallejħ il-leminija u taħt għonqu kif ukoll brix fuq subgħajħ ta' idu l-leminija, wkoll ikklassifikati bħala ħfief;

(3) Joseph Guliano li kellu xi ksur f'idejħ il-liminija (il-ħames sebgħa) liema ferita ġiet iklassifikata bħala gravi per durata; u

(4) Carmel Salerno li kellu uġiegħ fuq in-naħa xellugija ta' wiċċu u girfa fuq in-naħa xellugija ta' mnieħru, ikklassifikat ukoll bħala feriti ħfief.[7]

Dawn ġew ilkoll ikkonfermati mit-tobba rispettivi u saret referenza għalihom ukoll matul id-deposizzjonijiet tax-xhieda rispettivi li ġew rilaxxati skond kif applikabbli. Ġew eżebiti wkoll xi ritratti da parti ta' Joseph Guliano li madankollu ma jiftgħux dawl fuq l-inċident *per se* iżda fuq it-tbagħbis tal-elettriku li ġie ammess mill-imputat Carmel Salerno. Hemm ritratti oħra eżebiti minn Tiziana Salerno, bint Carmel Salerno u oħt Fabrizio Salerno, li jirreflettu żewġ tbenġiliet subiti minnha allegatament dakinhar tal-inċident u li skondha ġew ikkaġunati minn Joseph Guliani li skond kif xehdet kien qabadha bis-saħħa u tefgħaha bl-herra fuq il-mejda meta hi kienet qed tiddefendi lil ħuha l-ieħor Dylan mis-swat ta' Robert Busuttil. Tiziana Salerno wkoll eżebiet żewġ

[7] Folio 22 sa 25 tal-atti proċesswali.

ċertifikati mediċi datati fid-9 ta' Jannar 2015 u fit-13 ta' Jannar 2015 li jirreflettu t-tbenġil li jidher fir-ritratti mgħoddija lil Qorti minnha, senjatament tbenġila fuq l-irkoppa l-leminija ta' 2cm u tbenġila fil-parti t'isfel tan-naħa leminija ta' dahra ikklassifikati bħala feriti ħfief.[8]

Hemm ukoll ċertifikat mediku ieħor ta' Dylan Salerno, bin Carmel u ħu Fabrizio Salerno. Dylan Salerno xehed li Robert Busuttil kien qabad itiħ daqqiet ta' ponn ġo rasu għal xejn b'xejn u skond liema ċertifikat hu sofra girfa taħt għajnejħ il-liminija u tbenġila ta 2cm fuq wara ta' rasu, iklassifikati bħala ġrieħi ħfief.[9]

***Kusiderazzjonijiet dwar punti legali***

Illi kif anke konċess mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u dan peress li mill-istess xhieda jirriżulta li l-ebda wieħed mill-imputati ma kkaġuna l-ġrieħi li soffrew Joseph Guliano u Robert Busuttil.

Illi inoltre, kif jidher ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputati, huma qedgħin jikkonċedu l-ħtija tar-raba' imputazzjoni.

---

[8] Folio 391 u 392 tal-atti proċesswali.
[9] Folio 390 tal-atti proċesswali.

Illi minbarra l-addebitu tar-reċidiva fil-konfront ta' Carmel Salerno, l-imputati jinstabu akkużati bil-ksur tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqraw kif ġej:

> 95. Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan,[10] jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi min servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt eruo (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5000).
>
> 96. Kull min jattakka jew jagħmel resistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –
>
> Jekk l-attakk jew ir-resistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (10,000);

It-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputati hija dik disposta fl-Artikolu 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali ċjoe l-kontravenzjoni ta' kliem oxxen u indeċenti f'post pubbliku.

Il-ħames imputazzjoni hija dik tat-tixwix ta' rewwixta jew ġlieda skond dak dispost fl-Artikolu 238 tal-Kodiċi Kriminali:

> 238. Kull min iqajjem rewwixta jew ġlieda bil-ħsieb li jagħmel omiċidju jew offiża fuq il-persuna, jeħel meta jinstab ħati:
> ....

[10] Inġurji, theddid u offiżi kontra l-Avukat Ġenerali, membri tal-ġudikatura jew ġurati.

> (b) jekk xi ħadd jiġi offiż fuq il-persuna, il-piena għal dik l-offiża miżjuda bi grad.'

Illi għal dak li jirrigwarda dan l-istess reat, l-interpretazzjoni legali fir-Renju Unit ta' dan id-delitt jirrekjedi li l-kondotta ta' min jikkometti dan d-delitt ikun tali li persuna ta temperament ordinarju li tkun preżenti fil-post fejn tkun qed titqajjem din il-ġlieda jew rewwixta tibża għall-inkoluminita' tagħha. In oltre t-theddida ma tistax tkun limitata biss għal theddida bil-fomm. Di piú :

> the offence envisages at least three persons: (i) the person using or threatening unlawful violence; (ii) a person towards whom the violence or threat is directed; and (iii) a person of reasonable firmness who need not actually be, or be likely to be, present at the scene. So where D swiped with a knife towards a constable, J, the question was not whether a person of reasonable firmness in J's shoes would have feared for his personal safety but whether this hypothetical third person, present in the room and seeing D's conduct towards J, would have so feared'.[11]

Carmel Salerno ġie wkoll mixli billi kkaġuna offiża ħafifa skond l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali liema reat u konsegwentement il-piena huma aggravati skond dak dispost fl-artikolu 222(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali minħabba l-fatt li l-vittma f'dan il-każ huwa membru tal-Korp tal-Pulizija u kwindi huwa meqjus bħala uffiċjal pubbliku filwaqt li kien fil-qadi ta' dmirijietu.

[11] Davison (1992) Crim LR 31, CA – Smith and Hogan – Criminal Law - Seventh Edition (1992).

*Ikkunsidrat : -*

Illi għajr għal dak li jirrigwarda t-tbagħbis tal-*meter* tad-dawl u li ġie konċess mill-imputat Carmel Salerno, din il-Qorti tinstab rinfaċċata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti. Kif konfermat minn ġurisprudenza kopjuża u assodata, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Mill-banda l-oħra l-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (*dwar il-kredibbilta tagħhom*) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Joseph Thorne*** :

> ..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.

*Ikkunsidrat:*

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda ta' kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ, il-Qorti hija konvinta, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti kif seħħew huma, sostanzjalment, skont kif rakkuntati mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni in kwantu l-provi prodotti jagħtu aktar saħħa u kredibbilta lill-verżjoni tax-xiehda tal-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti temmen li l-inċident skatta hekk kif l-esperjenza tax-xogħol ta' Robert Busuttil waslitu biex induna bil-fatt li fil-ħanut tal-famija Salerno kien għaddej serq ta' kurrent elettriku u li dan il-fatt ġie żvelat quddiem il-parruċċani li kienu jinsabu fil-ħanut dak il-ħin tal-ispezzjoni. L-argument qam meta l-imputati ħassewhom li "nkisru" quddiem il-klijenti tagħhom li kellhom fil-ħanut. Dan jirriżulta mill-fatt li l-allegazzjonijiet li saru mill-imputati jidhru li kienu immirati prinċipalment fil-konfront ta' Robert Busuttil, iktar mill-uffiċjali l-oħrajn tal-Enemalta kif ukoll fil-konfront tal-Pulizija li kien preżenti u li kien xhud ta' dak kollu li kien qed iseħħ matul iż-żewġ inċidenti. Agħar minn hekk, dawn sfaw fil-mira tar-rabbja tal-imputati minħabba li kienu qegħdin jagħmlu xogħolhom.

Il-Qorti ssibha diffiċli temmen lix-xiehda tad-Difiża meta dawn jgħidu li ġew imsawtin bil-mod deskritt mill-Uffiċjali tal-Enemalta. Illi għal dak li jirrigwarda li PC850 Stephen Micallef, din il-Qorti mhix moralment

konvinta li huwa ġab ruħu bil-mod kif deskritt mill-imputati. Mill-kumpless tal-provi prodotti din il-Qorti temmen li PC850 aġixxa fil-limiti preskritti mill-liġi u purament meta kien hemm il-ħtieġa li tiġi salvagwardjata l-*bon ordni* li kien beda jiġi miksur bl-imġieba tal-imputati fiċ-ċirkostanzi u bil-modi rispettivi għalihom.

Filwaqt li Fabrizio Salerno kien involut biss fl-ewwel tilwima, Carmel Salerno li kien preżenti matul iż-żewġt inċidenti. Kif jixhdu x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni li kienu preżenti, kien fil-fatt matul it-tieni inċident li PC850 safa' midrub minn id Carmel Salerno. Skont iċ-ċertifikat mediku tiegħu, kif ukoll mid-deskrizzjoni tal-inċident l-iżvilupp tal-fatti kif seħħew huwa kompatibbli mal-ġrieħi subiti minn PC850 meta l-istess aġent tal-Pulizija kien qiegħed joħroġ lil Carmelo Salerno 'l barra mill-kamra fejn kienet inqalgħet il-kwistjoni ma Robert Busuttil. Dan seħħ wara li Carmelo Salerno kien hedded lil Robert Busutti li ser ***'jiskarnaħ'*** - kif jikkonferma Carmelo Salerno stess. Dan kien diskors li urta u dejjaq lil kull min kien fil-kamra u semgħu, inkluż Joe Vella. Huwa wkoll fatt li f'ebda ħin ma ġie merut mill-imputati jew mill-provi miġjuba minnhom quddiem din il-Qorti.

Mill-banda l-oħra il-Qorti evalwat ukoll ix-xhieda tad-Difiża, indikati bħala indipendenti, u li sa ċertu punt kkonfermaw parti mill-ewwel tilwima li seħħet barra l-ħanut. Dawn ix-xiehda mhux konsistenti fil-mod ta' kif jesprimu l-fatti li suppost seħħew quddiem għajnejhom.

Ix-xhud Alfred Bartolo l-ewwel jiddeskrivi l-moviment ta' PC850 bħala daqqa ta' ħarta lejn wiċċ Fabrizio Salerno; iżda wara mistoqsija ta' din il-Qorti huwa jirrevedi dak li qal billi jgħid li dak li ra kienet imbottatura fid-direzzjoni ta' wiċċ Fabrizio Salerno. Fil-fatt din l-imbottatura ġiet ikkonfermata minn PC850, u li ma ġarbet l-ebda konsegwenzi fisiċi fuq il-persuna ta' Fabrizio Salerno.[12]

Inoltre dawn ix-xhieda kienu madwar 30 pied il-bogħod mill-inċident – distanza verament żgħira – iżda xorta jidher li ma semgħu l-ebda diskors għaddej. Apparti minn hekk, ħadd minnhom ma jgħid li ra f'liema mument Fabrizio Salerno imbotta lil PC850 u dan minkejja li Fabrizio Salerno stess ikkonferma li huwa għamel hekk - għalkemm iżid li għamel dan wara li allegatament laqqat daqqa ta' ħarta minn PC850. Mill-banda l-oħra PC850 jikkonferma li mbotta li Fabrizio Salerno in ritaljazzjoni għall-azzjoni ta' Fabrizio Salerno.

***Ikkunsidrat: -***

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkużi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Difiża targumenta li l-imputati ma jistgħux jinstabu ħatja tagħhom minħabba l-fatt li l-akkużi ma jindikawx min hi l-parti leża. Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Dak li huwa essenzjali huwa li mill-provi prodotti jirriżulta li l-aġir in kwistjoni jkun indirizzat fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku waqt li jkun qed jaġixxi fid-doveri tiegħu skond il-

[12] Tant li ebda ċertifikat mediku ma ġie eżebit f'dan is-sens minn Fabrizio Salerno.

Liġi jew li huma jiġi mhedded matul tali eżekuzzjoni. Inoltre ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-kwalifika ta' Uffiċjali Pubbliċi. Skond il-verbal datat 15 ta' Ġunju 2015 id-Difiża eżentat lil-Prosekuzzjoni mill-ħtieġa li ttella' l-prova li PC850 Stephen Micallef huwa Uffiċjal tal-Pulizija fir-rank ta' Kuntistabbli kif ukoll li kellu dan l-istess rank meta seħħew l-inċidenti in kwistjoni. Dan il-fatt ma kienx ikkontestat mid-Difiża. Bl-istess mod eżentaw din il-prova ukoll għar-rigward l-Uffiċjali tal-Enemalta li wkoll jitqiesu bħala Uffiċjali Pubbliċi u li filfatt dawn kellhom din il-kariga u kienu qedgħin jaġixxu f'dik il-kariga dakinhar tal-inċidenti in kwistjoni.[13] Kwindi l-prova tal-kariġi rispettivi ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. M'hemm l-ebda dubbju lanqas mill-korp tal-provi li l-allegati reati ġew kommessi fil-konfront kemm ta' PC850 kif ukoll ta' Robert Busuttil u dan bl-iskop li jiġu mfixxla milli jeżegwixxu s-setgħat mogħtija lilhom mill-liġi fil-kompiti rispettivi tagħhom.

Ir-responsabbilta' tal-imputati għar-reati kommessi ma tistax titqies l-istess.

Fl-ewwel tilwima kien Fabrizio Salerno li imbotta lil PC850 meta dan ta' l-aħħar kien qed iwaqqaf lil Fabrizio Salerno milli jitkellem oxxen u jidgħi fil-konfront partikolarment ta' Robert Busuttil. Għal dak li jirrigwarda Fabrizio Salerno il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li hu imbotta lil PC850 waqt li dan kien qed jaġixxi skond l-ordni li ttiħ il-Liġi.

[13] Folio 200 tal-atti proċesswali.

Il-Qorti tqis li din kienet azzjoni t'arroganza da parti ta' Fabrizio Salerno, li moqrija fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, tintegra r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali aktar milli taħt dak indikat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Mill-banda l-oħra Carmelo Salerno kien ukoll arroganti u konfrontattiv fir-rigward ta' PC850 talli huwa uża wkoll kliem dispreġjattiv nonche ta' theddid fil-konfront ta' Robert Busuttil. Dan jintegra r-reat taħt l-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Iżda agħar minn hekk ġie pruvat soddisfaċentement li Carmelo Salerno refa' jdejh b'mod attiv kontra l-persuna ta' PC850 meta huwa kien qed jiġi skortat il-barra wara li kien indirizza lil Robert Busuttil b'mod dispreġġativ. Għalhekk ir-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jista' jitqies integrat fil-konfront ta' Carmelo Salerno wkoll. Dan peress li PC 850 kien qiegħed jaġixxi fit-twettieq tal-mansjoni tiegħu prinċipali tiegħu ta' aġent tal-Korp tal-Pulizija li għandha bħala wieħed mid-doveri prinċipali skont l-Artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali dak li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku u li ma tħallix li jsiru reati. Kien eżattament dak li PC850 kien qiegħed ukoll jagħmel meta Carmel Salerno ħebb għalih matul it-tieni tilwima meta PC850 kien qed jeskortah il-barra wara li Carmelo Salerno indirizza lil Robert Busuttil b'mod dispreġġativ u li ser jiskarnah.

Illi għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża skond il-verżjoni kemm ta' PC850 kif ukoll ta' Robert Busuttil, kien hemm l-użu ta' kliem oxxen

minn entrambe l-imputati partikolarment matul l-ewwel inċident meta kienu lkoll barra, liema diskors infatti wassal sabiex tinqala t-tilwima bejn PC850 u Fabrizio Salerno peress li PC850 kien qed iwissi kemm lil missieru kif ukoll lilu minħabba l-mod kif kienu qedgħin jitkellmu. Kwindi anki għar-rigward tat-tielet akkuża entrambe l-imputati ser jinstabu ħatja tagħha wkoll.

Fir-rigward tar-raba akkużi skond kif ġie konċess mid-Difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, din l-akkuża ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni u kwindi anki f'dan ir-rigward entrambe l-imputati ser jinstabu ħatja tagħha.

Fir-rigward tal-ħames akkuża, in konsiderazzjoni tal-interpretazzjoni legali magħmula minn din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet legali tagħha, tenut kont tal-mod kif zvolġew l-inċidenti, għal dak li jirrigwarda l-ewwel inċident, din il-Qorti mijiex konvinta li din l-akkuża ġiet suffiċjentement ippruvata mill-prosekuzzjoni għal dak li jirrigwarda Fabrizio Salerno. Konsiderando li theddid bil-fomm mhux suffiċjenti biex dan ir-reat jiġi nvokat kif ukoll in vista tal-fatt li l-azzjoni fisika ta' Fabrizio Salerno kienet tikkonsisti minn imbottatura fil-konfront ta' PC850, li fortunatment twaqqfet f'waqtha kemm minn Carmelo Salerno u minn Robert Busuttil li kienu preżenti, ma tantx twassal għal dik il-biża rikjesta fil-konfront tat-terzi persuni li kienu preżenti f'dak il-waqt. Ma ġiex soddisfaċentement ippruvat li l-intenzjoni li kellu Fabrizio

Salerno kienet li speċifikament iweġġa' fiżikament lill-PC850 daqskemm li jirreżistih u jfixxlu fix-xogħol li kien qiegħed jagħmel kif deskritt aktar qabel. Kwindi għal dak li jirrigwarda Fabrizio Salerno hu ser jiġi lliberat mill-ħames imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu.

Għal dak li jirrigwarda lil Carmelo Salerno, partikolarment fit-tieni inċident, ġie pruvat li hu kien qiegħed jindirrizza lil Robert Busuttil b'theddid iżda ma kkaġunalhu l-ebda feriti. Dan ġie konfermat minn Robert Busuttil stess. Il-ferita li ġiet ikkaġunata minn Carmelo Salerno kienet indirizzata lil PC850 meta hu kien qed jiġi skortat il-barra minħabba li kien għadu kif hedded lil Robert Busuttil u minħabba l-fatt li kien qed jipprovokaħ waqt li kien qed jagħmel xogħlu.

Għal dak li jirrigwarda lil Joseph Guliano, l-imputat ma kkaġuna l-ebda ferita fil-konfront tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-element tal-biża rikjesta fit-terżi persuni preżenti minħabba l-komportament ta' Carmel Salerno li allavolja kienet iktar vjolenti minn dik ta' ibnu, ġiet ukoll ikkontrollata mingħajr inkwiet mill-persuni kollha preżenti. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan il-komportament huwa iktar rifless fl-akkużi l-oħra kif miġjuba kontra Carmel Salerno fejn il-Qorti diġa ddikjarat ruħha fir-rigward ta' xi uħud minnhom u għad trid tagħmel l-istess dwra il-bqija. Kwindi anki għar-rigward ta' Carmel Salerno, din il-Qorti hija tal-fehma li m'għandux jinstab ħati tal-ħames akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi għal dak li jirrigwarda s-sitt u s-sebgħa akkużi kif din il-Qorti diġa esprimiet ruħha, iż-żewġt akkużati ser jiġu illiberati minn dawn l-akkużi peress li ma ġiex ippruvat li filfatt kienu huma li kkaġunaw il-feriti fil-konfront ta' Joseph Guliano u Robert Busuttil, kif filfatt ġie ppruvat mix-xhieda stess tal-prosekuzzjoni meta taw id-deposizzjonijiet tagħhom.

Illi fir-rigward tat-tmien akkuża li hija imputata biss fil-konfront ta' Carmelo Salerno, din il-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuża ġiet ampjament ippruvata kemm mix-xhieda li ddeponew u li minnhom kienu xhieda okulari kif ukoll miċ-ċertifikat mediku li jikkorobora l-feriti deskritti u d-dinamika ta' kif ġew ikkaġunati dawn l-istess feriti. Konsegwentement Carmel Salerno ser jinstab ħati tat-tmien akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-reċidiva fid-disa' akkuża miġjuba kontra Carmel Salerno, jingħad li l-Prosekuzzjoni ma eżebiet l-ebda sentenzi in sostenn ta' dan l-addebitu. Jibqa madankollu bħala stat ta' fatt li għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali, il-fedina penali tal-imputat hija prova li hu filfatt mhuwiex *first time offender;* biss dan id-dokument waħdu ma jistax iwassal għall-awment tal-gradi skond l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali, meta din il-Qorti tiġi biex tikkomputa l-piena aħħarija fil-konfront tiegħu. Madankollu din il-Qorti ser tieħu qies tal-kontenut ta' din il-fedina

sabiex tistabilixxi liema għandha tkun l-aktar piena idoneja fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u dan anki skond id-dettami tas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josef Abela***.[14]

***Ikkunsidrat:***

Illi għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja, din il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputati li fil-każ ta' Fabrizio Salerno hija waħda netta filwaqt li dik konċernanti Carmelo Salerno mhix waħda netta. Din ma kienetx l-ewwel darba li Carmelo Salerno kien mixli u nstab ħati ta' reati li juru nuqqas ta' ubbidjenza fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija kif ukoll il-ksur ta' bon ordni.

Qieset ukoll li skond ġurisprudenza nostrana r-reati bi ksur tal-Artikoli 95 u 96 jimmeritaw li jiġu kkastigati b'pieni li huma karċerarji u effettivi.[15]

---

[14] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) nhar is-17 ta' Settembru 2008 mill-Imħallef Joseph Galea Debono fejn intqal : -

> ...huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina penali tal-hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f'mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi.

[15]Ara fost oħrajn il-każ fl-ismijiet ***Il-Pulizija Vs Felice Ivan (John)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar l-04/06/2002:

> Ir-reat kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (Attakk jew Resistenza lil Ufficjal Pubbliku) huwa wiehed serju hafna. Minn ikun inkarigat minn servizz pubbliku u jkun qieghed jezegwixxi l-ligi jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti - bhalma normalment jaghmlu l-pulizja fil-kors normali tad-doveri taghhom - ghandu jinghata l-protezzjoni kollha tal-ligi, u tali protezzjoni tigi billi, wara li dak li jkun instab hati ta' dan ir-reat, tinghata l-piena stabbilita` mill-ligi li hija l-piena ta' prigunerija.

Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-parte ċivili għan-nom tal-Uffiċjali tal-Enemalta fejn ikkonfermaw li l-kwistjonijiet bejiethom għal dak li jirrigwarda d-dejn dovut minn Carmel Salerno ġew saldati kif ukoll li ma kellhom l-ebda pretesjonijiet anki ai fini ta' piena u li kienu qedgħin jirrinunzjaw għal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Qieset id-dikjarazzjoni ta' PC850 Stephen Micallef in kontro eżami[16] fejn fuq livell personali ma kellux pretensjonijiet lanqas fil-konfront tal-imputati, liema pretensjoni madankollu ma tistax twassal għar-rinunzja tat-tmien akkuża miġjuba kontra Carmel Salerno u dan a tenur proviso tal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali u dan peress li r-reat tal-ferita ħafifa li tagħha Carmel Salerno qiegħed jinstab ħati huwa akkumpanjat minn reati li jiksru l-ordni pubbliku.

Qieset ukoll għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali kif ipprospettat fl-akkużi miġjuba kontra l-imputati fir-rigward tal-ewwel ħames akkużi jingħad illi din id-disposizzjoni ma tistax tapplika fir-rigward ta' Fabrizio Salerno peress li hu kien biss involut fl-ewwel tilwima. Fir-rigward ta' Carmelo Salerno l-akkużi prospettati juru żewġ inċidenti li allavolja seħħew fl-istess jum saru f'mumenti differenti b'ħin konsiderevoli bejn reat u ieħor. Ukoll jista' jingħad illi dawn ir-reati kissru l-istess disposizzjoni peress li kemm fl-ewwel tilwima kif ukoll fit-tieni tilwima Carmel Salerno inġurja bil-

[16] Folio 226 tal-atti proċesswali.

kliem uffiċjali pubbliċi u kwindi jista' jingħad li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda.

# *Deċide*

Illi wara li rat l-Artikoli imsemmija mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu u ċjoe l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 95, 96, 214, 215, 221(1), 222(1)(c), 338(bb), 338(dd) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib:-

(a) lil **Carmel Salerno** :

(i) mhux ħati tal-ħames, sitt, seba' u d-disa' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom;

(ii) filwaqt li qed issibu ħati mill-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u t-tmien akkuża miġjuba kontriħ u tikkundannah għal perjodu ta' **tmintax il-xahar priġunerija**.

Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda' tiġi fis-seħħ sakemm il-ħati ma jikkommettix reat ieħor punibbli bi priġunerija fi **żmien tliet snin millum** ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li hija spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilta tiegħu ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Inoltre il-Qorti tikkundannah għal multa ta' erbat elef euro (€4000).

(b) lil **Fabrizio Salerno** :

(i) mhux ħati tal-ewwel, ħames, sitt u seba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom;

(ii) filwaqt li qed issibu ħati tat-tieni, t-tielet, u r-raba akkużi miġjuba kontriħ u tikkundannaħ għal sentenza ta' **erba' xhur priġunerija**.

Rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza ma għandhiex tiġi fis-seħħ għajr ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien sentejn mill-lum ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tiddikjara li hija spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilta tiegħu ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Inoltre il-Qorti tikkundannah għal multa ta' tminn mitt euro (€800).

Stante li ma jirriżultax li saru spejjeż peritali fil-kors ta' din il-kawża il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri għar-rigward tat-talba relattiva għall-kap tal-ispejjeż skont l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kwotat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu.

***Mogħtija illum is-26 ta' novembru 2018 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***